MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1110/2002

**Kawża Nru: 14**

**Ċitaz Nru: 1110/02 JA.**

**Medilog Limited.**

**-vs-**

**Offtrade International Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-4 ta' Ottubru, 2002 li permezz tagħha l-kumpanija attriċi esponiet bir-rispett:

Illi l-kumpanija konvenuta hija debitriċi tal-kumpanija attriċi versu s-somma ta' dsatax-il elf, sitt mija tmienja u tmenin

punt dsatax-il Euro (EUR 19,688.19) ekwivalenti għal tmint elef, mija disgħa u għoxrin Lira Maltija u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm8,129.57) skond ir-rata tal-kambju maħruġa llum mill-Bank Ċentrali ta' Malta, jew somma oħra verjuri.

Illi l-kumpanija konvenuta, għalkemm interpellata kemm-il darba sabiex tħallas sehmha anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 8 ta' Awwissu, 2002 (Dok. "B"), baqgħet inadempjenti;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, stante li dan il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija attriċi, il-kumpanija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont u l-kumpanija attriċi qegħda tannetti affidavit immarkat Dok. "A" a tenur ta' l-istess Kodiċi ta' l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

Tgħid għalhekk il-kumpanija konvenuta għaliex din il-Qorti m'għandhiex:-

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispens tas-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' dsatax-il elf, sitt mija tmienja u tmenin punt dsatax-il Euro (EUR 19,688.19) ekwivalenti għal tmint elef, mija disgħa u għoxrin Lira Maltija u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm8,129.57), jew somma oħra verjuri.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 8 ta' Awwissu, 2002, kif ukoll bl-imgħax legali mid-data ta' l-ittra uffiċjali sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kumpanija attriċi maħlufa minn Joseph Bonello, I.D. 267352(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Diċembru, 2003 li permezz tiegħu s-soċjeta' konvenuta ġiet awtorizzata tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, ippreżentata fid-19 ta' Diċembru, 2003, li permezz tagħha eċċepiet bir-rispett li t-talbiet ta' l-attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi għar-raġunijiet li ġejjin:

1. Illi tali allegati pagamenti saru :-

(a) indebitament, in kwantu li l-ilmenti magħmula minn Mediterranean Oil Services GmbH għan-nom ta' Zueitina Oil Company ma kinux ġustifikati stante li l-apparat konsenjat lilhom kien konformi ma' l-apparat ordnat minnhom;

(b) mingħajr l-għarfien u l-kunsens tas-soċjeta' konvenuta;

(c) kontra l-prattika kummerċjali f'dan il-qasam fejn f'każ li jkun hemm ilment ġustifikat mill-klijent tinħariġlu *credit note* għal ordnijiet futuri, minflok ma jsir rifużjoni tal-prezz lill-klijent; u

(d) billi għalkemm fuq il-parir ta' espert imqabbad mis-soċjeta' konvenuta kien irriżulta li kien hemm xi aġġustamenti u xogħlijiet rimedjali żgħar li kellhom isiru lill-apparat konsenjat lil Mediterranean Oil Services GmbH għan-nom ta' Zueitina Oil Company, is-soċjeta' attriċi, minflok ħadet u insistiet li ssir din l-azzjoni rimedjali suġġerita mis-soċjeta' konvenuta, qabdet u allegatament ħallset l-ammonti kollha mitluba mis-soċjeta' Mediterranean Oil Services GmbH għan-nom ta' Zueitina Oil Company, liema ħlas kien ferm ogħla mill-valur pekunjarju ta' l-azzjoni rimedjali suġġerita mis-soċjeta' konvenuta.

2. Illi b'dan l-aġir u b'dan l-allegat ħlas da parti tas-soċjeta' attriċi u bin-nuqqas tagħha ta' l-eżekuzzjoni ta' l-azzjoni rimedjali suġġerita mis-soċjeta' konvenuta s-

soċjeta' attriċi, l-istess soċjeta' attriċi ppreġudikat id-drittijiet tagħha u d-drittijiet tas-soċjeta' konvenuta s-soċjeta' attriċi m'hijiex legalment intitolata li titħallas l-ammonti ta' flus mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni meta l-istess ħlas da parti tas-soċjeta' attriċi sar sforz l-azzjoni negliġenti u ta' turpitudni tagħha stess.

3. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr ħsara għas-suespost, is-soċjeta' attriċi trid tipprova l-pagamenti li allegatament għamlet u trid tipprova wkoll li l-pagamenti allegatament effettwati minnha kienu dovuti u konsegwenti għall-allegati lmenti magħmula minn Mediterranean Oil Services GmbH għan-nom ta' Zueitina Oil Company dwar l-apparat in kwistjoni.

4. Illi minkejja dan l-allegat pagament da parti tas-soċjeta' attriċi, (liema pagament kien kważi ekwivalenti għall-valur ta' l-apparat mibjugħ), u sa fejn taf is-soċjeta' konvenuta, is-soċjeta' attriċi naqset milli titlob lura r-rikonsenja ta' l-istess apparat, u dan ukoll bi preġudizzju għad-drittijiet tas-soċjetajiet kontendenti stante li s-soċjeta' Mediterranean Oil Services GmbH għan-nom ta' Zueitina Oil Company allegatament tħallset lura l-ammont ġia' imħallas minnha kif ukoll żammet l-apparat li kienet xtrat u b'hekk baqgħet kemm bil-prezz kif ukoll bil-merci għandha.

5. Illi għalhekk is-soċjeta' konvenuta tirriserva d-drittijiet t'azzjoni tagħha kollha, kontra tas-soċjeta' attriċi inkluż dik għal danni, dovuta għall-aġir abbużiv u illegali hawn fuq imsemmi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' konvenuta maħlufa minn Anthony Micallef, I.D. 164646(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriżi n-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2007 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi qed titlob ħlas mingħand dik konvenuta in segwitu għal negozju li sar bejniethom meta biegħu

flimkien lil soċjeta' estera kwantita' ta' *parts*. Jidher li fil-fatt is-soċjeta' attriċi kellha l-kuntatt dirett ma' din is-soċjeta' filwaqt li dik konvenuta kellha l-kuntatt mad-ditta estera illi ssuplixxiet il-materjal. Naturalment il-partijiet ftehmu li jaqsmu l-qligħ li joħroġ mit-transazzjoni.

Sfortunatament id-ditta li xtrat il-materjal ilmentat li dan ma kienx dak li ordnat hi u għalhekk il-ħlas kien ta' problema. Id-direttur tas-soċjeta' attriċi Joseph Bonello tela' l-Libja biex jivverifika l-problema u wara li solva parti minnha ma rnexxielux isolviha kollha bir-riżultat li ħallas lura somma li tagħha qed jitlob nofsha lis-soċjeta' konvenuta. Din da parti tagħha qed tinsisti li l-materjal kien skond l-ordni u qed tirrifjuta li tħallas. Għandu jingħad li hija kienet irċeviet mingħand is-soċjeta' attriċi sehmha mill-qligħ. Dawn il-fatti m'humiex kontestati.

Dak li hu kontestat hu li l-merce kienet skond l-ordni u għalhekk is-soċjeta' konvenuta qed tinsisti li ma tħallasx is-sehem tagħha u li s-soċjeta' attriċi ma kienx messha ħallset. Jidher ċar pero' li billi din ta' l-aħħar baqgħet tikkummerċja mas-soċjeta' estera in kwistjoni ma riditx taqta' n-negozju u fil-fehma tal-Qorti, għalkemm l-imsemmi Joseph Bonello insista meta xehed li huwa ħallas għaliex dehrlu li dawn kellhom raġun, din kienet il-vera raġuni għaliex huwa għamel dan mingħajr ma ġie kkundannat minn xi Qorti jew arbitraġġ.

Madankollu ftit wara li inqala' s-saram, il-partijiet iffirmaw skrittura, esebita maċ-ċitazzjoni li permezz tagħha ġie miftiehem hekk;

*Reference Medoil purchase order No. XY-703509 in which Messrs Offtrade International Limited and Medilog Limited agreed to execute on a joint venutre basis on which profits / losses were to be split up equally, as there is ongoing litigation with Medoil User client, in respect to the quality / quantity of items supplied, it is hereby agreed that should a claim be made by Medoil upon Medlog Limited, Messrs Offtrade International Limited agrees to pay Medilog half of said claim. Thus payment would be due immediately upon proof that Medilog has been*

*claimed upon either directly or indirectly. Messrs Offtrade International also binds itself to follow up any such claims with their respective suppliers to remedy any wrong supply in the materials purchased for this order.*

Din l-iskrittura (Dok. "A") tpoġġi lis-soċjeta' konvenuta f'sitwazzjoni diffiċli legalment għaliex ġiet iffirmata fil-15 ta' Ġunju, 1999 u allura meta kienet ġia' inqalgħet il-kwistjoni. Il-partijiet ma kinux ċari meta kellha tiskatta l-obbligazzjoni li jħallsu għaliex il-kelma "*claim'* hija pjuttost vaga f'sens legali għaliex tfisser li kull ma kien hemm bżonn biex il-konvenuti jħallsu kien li s-soċjeta' estera in kwistjoni titlob il-ħlas. Jidher ben ċar li l-iskrittura ma ġietx redatta minn persuna ta' taħriġ legali u allura dan normalment iwassal għall-inċertezza. Il-konsenja in fatti saret f'Mejju ta' l-1998 u l-ilmenti bdew xhur wara.

Il-Qorti tħoss li l-imsemmi Joseph Bonello għalkemm naturalment għamel li seta' biex ma jitlifx il-qligħ, kien mgħomi parzjalment bil-fatt li huwa kellu kull interess li jsolvi l-kwistjoni amikevolment u allura huwa ma riedx li s-soċjeta' estera ikollha tħarrku. Il-prova teknika li l-oġġetti in kwistjoni ma kinux skond l-ordni fil-fehma tal-Qorti ma saritx għaliex l-uniku espert in materja li eżamina l-oġġetti ma nġibux Malta jixhed u għalhekk ir-rapport tiegħu (a fol 53 u 54) ġie sfilzat mill-Qorti. L-uniku xhud li qal li eżamina l-oġġetti kien l-istess Bonello. Għalhekk il-Qorti bilfors taċċetta t-teżi tal-konvenuti li ladarba l-aġenti tas-soċjeta' estera irrilaxxaw l-oġġetti in kwistjoni fil-Ġermanja, ma kienx hemm każ kontra l-kontendenti kieku dawn ikkontestaw il-kawża u kwindi jekk is-soċjeta' attriċi ħallset ma tistax tippretendi ħlas mingħand is-soċjeta' konvenuta.

Kwantu għall-kelma '*claim'* il-Qorti ma tħossx li saret ebda '*claim*' *per se* fis-sens li s-soċjeta' attriċi ġiet mitluba permezz ta' xi atti ġudizzjarji biex tħallas. Ma jistax li wieħed jinterpreta l-kelma '*claim'* fis-sens li ssir sempliċi talba għaliex allura barra li jkun hemm lok ta' abbuż, irendi l-obbligazzjoni tiddependi fuq xi ħaġa prattikament kompletament fid-diskrezzjoni ta' naħa waħda u hu ċar li din ma kinitx l-intenzjoni tas-soċjeta' konvenuta. Kull ma sar kien ilment (serju kemm wieħed irid), iżda s-soċjeta'

attriċi, ladarba kellha l-insistenza ta’ dik konvenuta li l-oġġetti in kwistjoni kienu skond l-ordni ma setgħetx tħallas minn jeddha kif għamlet, u tippretendi l-ħlas. Kif ġia’ ingħad, hu ben ċar li għas-soċjeta’ attriċi l-importanti kien li żżomm relazzjoni tajba mas-soċjeta’ estera biex tibqa’ għaddejja bin-negozju magħha, kif fil-fatt ġara u ġie kkonfermat mill-imsemmi Joseph Bonello.  .

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ konvenuta u tiċħad it-talbiet attriċi. L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------